

awtorità pubblika, b'mod partikolari ċerti banek u kumpanniji tal-assigurazzjoni, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

- 2) Ir-Renju tal-Isvezja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 —  
Il-Kummissjoni vs L-Awstrija**

**(Kawża C-564/07)**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 49 KE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Avukati tal-privattivi — Obbligu ta’ assicurazzjoni għar-responsabbiltà professjonali — Obbligu li tiġi maħtura persuna residenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tas-servizzi”

1. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 23)*
2. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet (Artikolu 49 KE) (ara l-punti 31, 32, 35-37, 47-53, 55 u d-dispożittiv)*

## **Suġġett**

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 49 KE — Rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-avukati tal-privattivi, li huma legalment stabbiliti fi Stati Membri oħra, sabiex dawn ikunu jistgħu jipprovdu, temporanjament, is-servizzi tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat — Obbligu li wieħed jirreġistra ruħu fir-reġistru nazzjonali, li jkollu, għal dan il-għan, assicurazzjoni għar-responsabbiltà professjonali, li jkun suġġett għall-osservanza tar-regoli dixxiplinari nazzjonali kollha minbarra dawk marbuta mal-kwalifiki professjonali u li jopera bi sħab ma’ mandatarju lokali.

## Dispożittiv

- 1) Billi tobbliga lill-avukati tal-privattivi, li huma legalment stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ, temporanjament, jipprovdu servizzi fl-Awstrija, jirrikorru għas-servizzi ta' persuna residenti fl-Awstrija, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 KE.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 — Leche Celta vs UASI

### (Kawża C-300/08 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark imħallta, verbali u figurattiva, Celia — Raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni — Xebh tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma' trade mark preċedenti — Trade mark li tkopri prodotti identiċi — Probabbiltà ta' konfużjoni — Appell manifestament inammissibbli”

*Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 225(1) KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punt 35)*

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla), tat-23 ta' April 2008, Leche Celta vs UASI (T-35/07), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti ppreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' Appell tal-UASI, tal-5 ta' Diċembru 2006, dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Leche Celta SL u Celia SA — Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 10) — Raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni ta'